**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech )**
**- vs -**
**John Debono ta' 34 sena, bin Andrew u Mary nee` Saliba li joqghod 'John Joyce', Triq Majmuna, Xewkija, Ghawdex.**
**(I.D. no. 17666G)**

Illum 2 ta' Mejju, 2001.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli fil-25 ta' Gunju 2000 ghall-habta tat-3:30p.m. waqt li kien fi Triq l-Imgarr, limiti tar-Rabat, Ghawdex haqar u uza kefrija fuq iz-ziemel tieghu u cioe` tah daqqa ta' martell fuq rasu.

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat illi din il-Qorti semghet kif persuni li raw lill-imputat icanfar liz-ziemel tieghu b'daqqa ta' martell f'rasu meta dan kien qed inieghel lill-istess ziemel u rifsu. L-imputat spjega li huwa laqat liz-ziemel hekk kif kien qed jitlef il-bilanc wara li kien rifsu z-ziemel. Ix-xhieda in difiza xejn ma jimmeritaw li jitwemmnu u l-Qorti taghzel li temmen lix-xhieda tal-prosekuzzjoni li ddeskrivew b'mod dettaljat dan l-incident sfortunat;

Ghal dawn il-mottivi ssib lill-imputat hati;

Rat l-artikolu 153 tal-Kap 10;

Tikkundannah ghal hlas ta' ammenda ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25).

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
Skrivana

Vera Kopja

Ghar-Registratur